

Brussell, 9 ta' Novembru 2021
(OR. en)

13709/21

COH 62
FIN 875

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	9 ta' Novembru 2021
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 12913/21	
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 14/2021 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri: Kooperazzjoni Interreg: Il-potenzjal tar-reġjuni transfruntieri tal-Unjoni Ewropea għadu ma ġiex sfruttat bis-sħiħ - Konklużjonijiet tal-Kunsill (9 ta' Novembru 2021)

Id-delegazzjonijiet jsibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 14/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu: "Kooperazzjoni Interreg: Il-potenzjal tar-reġjuni transfruntieri tal-Unjoni Ewropea għadu ma ġiex sfruttat bis-sħiħ", approvati mill-Kunsill (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) fit-3822 laqgħa tiegħu fid-9 ta' Novembru 2021.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 14/2021 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri:

Kooperazzjoni Interreg: Il-potenzjal tar-reġjuni transfruntieri tal-Unjoni Ewropea għadu ma ġiex sfruttat bis-sħiħ

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

- (1) JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 14/2021 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Qorti") u l-osservazzjonijiet tal-awtoritajiet inkarigati mill-programm u tal-Kummissjoni dwar ir-Rapport;
- (2) IQIS ir-Rapport bħala kontribut utli bil-ħsieb tat-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-programmi ta' kooperazzjoni Interreg (Fergħa A) għall-perijodu 2021-2027;
- (3) JINNOTA li l-awditu tal-Qorti deskritt fir-Rapport iffoka fuq jekk, fil-perijodu ta' programmazzjoni 2014-2020, il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri indirizzawx b'mod effettiv l-isfidi tar-reġjuni transfruntieri fil-programmi ta' kooperazzjoni fil-fruntieri interni. Ir-Rapport jirreferi wkoll għall-appoġġ tal-Kummissjoni għall-Interreg fil-perijodu 2021-2027, filwaqt li jenfasizza li d-dokumenti ta' orjentazzjoni tal-fruntieri għall-perijodu 2021-2027 ipprovdew analiżi aktar iffokata tal-isfidi transfruntieri, u tal-impatt tal-COVID-19 fuq il-programmi Interreg;

(4) JIEĦU NOTA tas-sejbiet tar-Rapport, b'mod partikolari li:

- il-programmi ta' kooperazzjoni eżaminati kellhom strateġiji ċari iżda mhux l-isfidi transfruntieri kollha setgħu jiġu indirizzati minħabba diversi raġunijiet;
- l-iskarsezza tar-riżorsi allokatati għall-għan ta' Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (Interreg) tirrikjedi li l-finanzjament jiġi dirett fejn x'aktarx ikollu l-aktar valur miżjud;
- in-nuqqas frekwenti ta' demarkazzjoni ċara bejn il-kooperazzjoni u l-programmi prinċipali jista' jwassal għal sitwazzjoni fejn iż-żewġ sorsi ta' finanzjament jiffinanzjaw l-istess tip ta' operazzjonijiet;
- il-parti l-kbira tal-awtoritajiet inkarigati mill-programm eżaminat ma klassifikawx il-proġetti f'termini ta' mertu biex jiżguraw li jitqiesu biss l-aħjar proposti għall-finanzjament;
- l-oġettivi speċifiċi kienu bbażati fuq kriterji SMART u l-indikaturi ta' output u ta' riżultati kienu ġeneralment miżurabbli. Madankollu, kien hemm dgħufijiet fir-rilevanza u l-kisba tal-indikaturi ta' output u ta' riżultati;
- L-effett transfruntier tal-operazzjonijiet appoġġati mhux dejjem ġie rifless peress li d-data jew ma kinitx disponibbli inkella ma kinitx ikkoordinata biżżejjed bejn l-Istati Membri;
- L-awtoritajiet inkarigati mill-programm ta' kooperazzjoni użaw il-miżuri disponibbli taħt l-inizjattivi CRII u CRII+ biex itaffu l-effetti tat-tifqigħa tal-COVID-19;

(5) JIRRIKONOXXI r-rakkomandazzjonijiet mogħtija mill-Qorti:

- li jkun hemm fokus aħjar fuq il-programmi ta' kooperazzjoni;
- li jiġu pprijoritizzati u mogħtija appoġġ il-proġetti abbażi tal-mertu bl-użu ta' punteġġi;
- li jintużaw indikaturi li għandhom l-għan li jirriflettu l-effett ta' proġetti transfruntieri;

(6) JIKKONDIVIDI b'mod ġenerali l-osservazzjonijiet tal-awtoritajiet inkarigati mill-programm eżaminat dwar is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet inklużi fir-Rapport tal-Qorti, b'mod partikolari li:

- il-koordinazzjoni bejn il-programmi ta' kooperazzjoni l-programmi prinċipali tkun diġà indirizzata mir-rekwiżiti legali eżistenti;
- ir-rappreżentanti tal-istituzzjonijiet tal-programmi prinċipali jkunu preżenti fil-laqgħat tal-kumitati ta' monitoraġġ Interreg iżda JQIS li tista' tissaħħaħ aktar il-preżenza tagħhom;
- il-proġetti jiġu pprijoritizzati u l-appoġġ jingħata abbażi tal-mertu bl-użu ta' punteġġi; għalkemm approċċ ibbażat fuq il-mertu jwassal għal proċess ta' għażla aktar trasparenti u ċar, HUWA TAL-FEHMA li dan jista' mhux dejjem jirrifletti l-valur miżjud ta' proġetti innovattivi. B'hekk, jista' jiġi kkomplementat b'valutazzjoni kwalitattiva għal kull proġett;

(7) JIKKONDIVIDI b'mod ġenerali l-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet inklużi fir-Rapport tal-Qorti, b'mod partikolari li:

- il-proġetti fi programmi ta' kooperazzjoni huma differenti mill-proġetti prinċipali minħabba n-natura ta' kooperazzjoni obbligatorja tagħhom u, b'hekk, il-programmi ta' kooperazzjoni u l-programmi prinċipali jistgħu fil-prinċipju jaqgħu taħt l-istess objettivi speċifiċi u jkunu komplementari;
- il-qafas regolatorju għall-perijodu 2021-2027 għandu l-għan li jiffaċilita u jżid il-kooperazzjoni bejn ir-reġjuni u l-Istati Membri fil-programmi "prinċipali" tal-politika ta' Koeżjoni u JQIS li l-programmi prinċipali ta' reġjuni transfruntieri jistgħu jibbenefikaw mill-kapitalizzazzjoni fuq riżultati Interreg ta' suċċess u, fejn applikabbli, minn sinerġiji u komplementarjetajiet mal-prijoritajiet tal-istrateġiji makroreġjonali u l-istrateġiji/inizjattivi tal-baċiri tal-baħar;
- għall-perijodu 2021-2027 il-ħtieġa li jiġu pprijoritizzati l-isfidi transfruntieri ssarrfet fir-rekwiżiti leġislattivi;
- ir-Regolament dwar il-FEŻR/Fond ta' Koeżjoni 2021-2027 jinkludi indikaturi komuni dedikati Interreg ta' output u ta' riżultati li għandhom jgħinu biex jiġi rifless l-effett ta' proġetti transfruntieri;

- (8) JENFASIZZA li:
- il-qafas regolatorju 2021-2027 diġà tejjeb is-sitwazzjoni u li l-adozzjoni tar-rakkomandazzjonijiet mogħtija mill-Qorti tista' tagħti spinta lill-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tal-programmi;
 - il-pandemija tal-COVID-19 wasslet ukoll għal dewmien fl-adozzjoni tal-qafas regolatorju 2021-2027;
- (9) IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tkompli bl-isforzi tagħha fl-appoġġ ta' żviluppi ġodda fid-data, speċjalment fl-istatistika transfruntiera, fil-qafas tal-Eurostat; JILQA' l-inizjattivi meħuda għall-indikaturi transfruntieri fl-ESPON u l-INTERACT.
- (10) JISTIEDEN lill-Kummissjoni tkompli tissorvelja l-impatt tal-COVID-19 fuq il-programmi Interreg.
-